MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Numru. 98/2007

Il-Pulizija
(Spettur Chris Pullicino)
(Spettur Silvio Valletta)

Vs

SILVIO FELICE ta’ 52 sena, bin Joseph u Marina nee’ Carbone, imwieled Mosta fis-16 ta’ Gunju 1955 u joqghod Casa Felice, Triq it-Trux, Gharb jew 1, Triq il-Knisja, Gharb detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 450955(M)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Silvio Felice li permezz taghha huwa gie akkuzat:

Talli gewwa l-Gharb, f'Ghawdex u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fl-14 ta' Dicembru 2007 u s-snin ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu, jew f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu, u kif ukoll zamm arma tan-nar, minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess zminijiet u cirkostanzi bhala persuna li gie fil-pussess ta'l-istess arma tan-nar u munizzjon, naqas minnufih li jaghti avviz lill-Kumissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Rat illi l-Ufficcjal Prosekutur irtira l-ewwel akkuza.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputat f'dana l-istadju bikri tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, izda ma tistax tinjora l-fatt illi minhabba dana in-nuqqas da parti ta' l-imputat gie kommess reat iehor ta' natura serja li dwaru ibnu stess jinsab ghaddej process kriminali.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta' u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta' l-imputat u wara li rat l-artikoli 5(1), 41, 51(2), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Silvio Felice hati ta' l-akkuzi kif dedotti u qed tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li

fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qieghed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkometti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti qieghed finalment tipprojbixxi lill-hati milli ikollu jew jikseb licenzja taht l-Att dwar l-Armi u dana ghal zmien sena (1) mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------